*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,498, 23 ta'Ottubru, 2009*
*Taqsima B*

**A.L. 290 ta' l-2009**

## ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
## (KAP. 327)

## L-Ordinamenti tal-2009 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Arts – B.A. – u Bachelor of Arts (Honours) – B.A. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Arti bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

**It-Titolu**

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2009 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Arts - B.A. - u Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons), u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Arts - B.A. - u Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà ta' l-Arti, ippubblikati bħala Avviż Legali 11 ta' l-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

**L-Applikabilità**

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2009 jew wara.

**L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali**

3. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) Il-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) jista' jingħata f'kwalunkwe wieħed minn dawn l-oqsma ta' studju:

L-Antropoloġija, l-Arkeoloġija, il-*Classics*, il-Filosofija, il-Franċiż, il-Ġografija, il-Ġermaniż, l-Għarbi, l-Ingliż, l-Istorja, l-Istorja tal-Arti, l-Istudji Mediterranji Kontemporanji, l-Istudji Mużikali, l-Istudji Soċjali, l-Istudji tat-Teatru, il-Lingwistika, il-Malti, in-*Near Eastern Studies*, ir-Relazzjonijiet Internazzjonali, is-Soċjoloġija, it-Taljan, u kwalunkwe qasam ta' studju ieħor irrakkomandat mill-Bord u approvat mis-Senat."